

22005D0874

9.12.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 322/29

**DEĊIŻJONI NRU 3/2005****tal-25 ta' Ottubru 2005****tal-Kumitat imwaqqaf taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-Għarfien Reċiproku fir-rigward ta' l-elenkar tal-Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità taħt il-Kapitolu Settorjali dwar tankijiet taħt pressjoni**

(2005/874/KE)

IL-KUMITAT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar Għarfien Reċiproku fir-rigward ta' valutazzjoni tal-konformità, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4)(a) u 11 tiegħu,

Billi l-Kumitat għandu jieħu deċiżjoni li jelenka Korpi jew Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità taħt il-Kapitolu Settorjali ta' l-Anness 1 tal-Ftehim;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Il-Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità fl-Anness A huma miżjuda ma' l-elenku ta' Korpi Żvizzeri ta' Valutazzjoni ta' Konformità taħt il-Kapitolu Settorjali għal tankijiet taħt Pressjoni fl-Anness 1 tal-Ftehim.
2. L-ambitu speċifiku tal-lista, fir-rigward ta' prodotti u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, tal-Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità indikati fl-Anness A, ġie miftiehem mill-Partijiet u se jinżamm minnhom.

Din id-Deċiżjoni, magħmula f'żewġ kopji, għandha tiġi ffirmata minn rappreżentanti tal-Kumitat li huma awtorizzati li joperaw f'isem il-Partijiet għall-għan lil jemendaw il-Ftehim. Din id-Deċiżjoni se tidħol fis-seħħ mid-data li fiha titniżżel l-aħħar firma.

Magħmul f'Berna, nhar il-25 ta' Ottubru 2005.

*F'isem il-Konfederazzjoni Żvizzera*

Heinz HERTIG

Magħmul fi Brussell, nhar il-21 ta' Ottubru 2005.

*F'isem il-Komunità Ewropea*

Andra KOKE

## ANNEX A

**Il-Korpi Żvizzeri ta' Valutazzjoni tal-Konformità miżjuda ma' l-eleku ta' Korpi ta' Valutazzjoni ta' Konformità taħt il-Kapitolu Settorjali għal tankijiet taħt Pressjoni fl-Anness 1 tal-Ftehim.**

Atest  
Contrôles et essais métallurgiques SA  
Route de Vevey 55A  
CH-1618 Châtel-St-Denis, Switzerland  
Telefown +41 (0) 21 948 24 40  
Faks: +41 (0) 21 948 24 48  
E-mail: admin@atest.ch

Schweizerische Gesellschaft für Zerstörungsfreie Prüfung (SGZP)  
c/o EMPA  
Überlandstrasse 129  
CH-8600 Dübendorf, Switzerland  
Telefown +41 (0) 61 317 84 21  
Faks: +41 (0) 61 317 84 80  
E-mail: blumhofer.pw@svsxass.ch